L-Irħula ta' Ħal-Tartani u Ħad-Dingli

Tagħrif miġbur minn Mario Fenech

L-ewwel darba li nsibu l-isem ta` Ħal-Tartani huwa fil-kitba li tgħid li dan ir-raħal kien jeżisti viċin fejn illum hemm il-ġonna tal-Buskett. Jingħad li ħawnhekk kien ħawn imwaqqfa Knisja li ġiet imwaqqfa bħala Parroċċa minn żmien San Pawl, allura din tmur lura lejn l-ewwel seklu. Din il-Parroċċa giet sopressa fis-sena 1427, biex imbagħad reġgħet twaqqfet mill-ġdid mill-Isqof De Mello disa' snin wara, fis-sena 1436 unita mal-Matriċi.

Jissemma bħala Kappillan fis-sena 1436 Dun Guglielmo Zammit li ġie maħtur Kappillan mill-Isqof De Mello. Warajh kien laħaq Kappillan Dun Antonio Buros mill-Mosta. Baqa' jmexxi l-Parroċċa ta` Ħal-Tartani sas-sena 1501.

It-Tielet Kappillan kien Dun Orlando Vitali li nħatar minn Mons.Corseto. Baqa' jmexxi l-Parroċċa sakemm miet fis-sena 1528.

Bil-kunjom mhux daqstant komuni, li x`aktarx li kien ġej mill-istess familja kien il-Kappillan ta` warajh, Dun Antonio Vitali. Inħatar mill-Isqof Urries u kien dam Kappillan sas-sena 1532.

Il-Kappillan ta` warajh dam imexxi għal sena waħda biss għaliex kien irrinunzja mill-Kariga. Dan kien Dun Matteo Surdo.

Irid jingħad li dan ir-raħal ta` Ħal-Tartani kien wieħed li jinsab f`post remot 'il boghod mill-kenn tas-swar tal-Imdina u kien jispiċċa ta` spiss fil-mira tal-furbani meta dawn kien ifettlilhom jiġu Malta jagħmlu ħerba minn kull ma jsibu quddiemhom. Għal din ir-raġuni wieħed jasal għall-konklużjoni li ma kinitx ħaġa faċli li tmexxi Parroċċa bħal din.

Dun Nicola de Armanino mexxa r-raħal mis-sena 1533 sas-sena 1536. Dan ukoll kien irtira fuq ix-xewqa tiegħu stess tliet snin wara.

L-aħħar Kappillan kien Dun Pietro Desguanez li mexxa l-Parroċċa mis-sena 1536 sas-sena 1539. Kien f`din is-sena li l-Parroċċa ta` Ħal-Tartani giet sopressa biex ftit taż-żmien wara ġew magħquda flimkien iż-żewġt irħula ta` Ħal-Tartani u dak ta` Ħad-Dingli. Dan seta' jsir bil-ħidma ta` familja li dak iż-żmien kellha tista' tgħid il-parti l-kbira tal-artijiet tal-inħawi maħdumin mill-bdiewa tal-post. Din kienet il-Familja Desguanez.

Il-Knisja prinċipali ta` dawn iż-żewgt irħula dak iż-żmien, kienet dik iddedikata lil Marija Assunta f`Ħad-Dingli li kienet tagħmel mal-Parroċċa ta` San Pawl tar-Rabat. Il-Knisja ta` Ħal-Tartani kienet iddedikata lil Santa Domenica. Kienet tiħallas is-somma ta` sitt tari fis-sena lill-Knisja Matriċi.

Ħemm lista ta` sitt ismijiet ta` Retturi li mexxew lir-raħal ta` Ħad-Dingli bejn is-sena 1539 u s-sena 1594 meta mbagħad ir-Raħal ta` Ħad-Dingli twaqqaf bħala Parroċċa għalih.

Dwar dan nikteb fil-ħarġa ta` dan il-Programm tas-sena d-diehla.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.